# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 74**

**Nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 74 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:28pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

74.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

74.4 Korrispondenza

74.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

74.6 Rapporti;

74.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

74.9 Mozzjonijiet;

74.10 Offerti għas-Sejħiet – Tenders – Evalwazzjoni

74.11 Hruġ ta' sejħiet ta' Offerti Ġodda

74.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

**74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

74.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva nota mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci li ma setgħax jattendi din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din l-apoloġija u b' hekk ser jitniżżel bħala skużat.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

74.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

74.2.2 Is-Sur Mario Sammut issuġġerixxa li jkun siewi li l-Kunsill jistudja għalfejn in-nies li jissellfu il-kotba naqsu.

74.2.3 Fil-5:43pm daħal id-Deputat Sindku Eman Vella.

**74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

74.3.1 Is-Sindku issuġġerixxi li issa li kienu lesti ix-xogħolijiet tal-bandli u l-grawnd f' Wesgħat il-Ġublew, il-Kunsill kellu jaħseb biex jiftaħhom b' mod uffiċċjali. Ġie maqbul li l-ftuħ isir fl-20 ta' Ottubru fl-4:00pm u ssir stedina għall-għaqdiet sportiv tal-lokal sabiex jieħdu sehem.

74.3.2 Is-Sindku informa li kien lest ix-xogħol tal-fencing tal-grawnd tal-football.

74.3.3 Dwar ix-xogħolijiet tal-Miżura 4.3, is-Sindku semma li wada mit-toroq kienet lesta u kien ser jitkompla x-xogħol fuq it-tlieta l-oħra. Semma wkoll li saru laqgħat mal-WSC dwar il-problemi li kien hemm fi' sqaq ta' Triq l-Armaġġ u li kien jidher li l-problemi kienu ser jissewwew.

74.3.4 Is-Sindku semma' li l-laqgħa tal-kommunita' għal din is-sena kienet ser issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru. Wara ssir bibita għal dawk preżenti u r-rappreżentanti tal-għaqdiet.

74.3.5 Is-Sindku semma' li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa ma' Enforcement Officers tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar 'hoarding' u bankini temporanji fil-lokalita'. Filwaqt li l-Kunsill aġevola il-proċess biex diversi siti ġew in regola. Fl-istess ħin, kien hemm żewġ każijiet fejn il-Kunsill ma' kienx favur dak mitlub mill-Awtorita' u għalhekk daħal biex dawk il-każijiet jiġu solvuti.

74.3.6 Is-Sindku issuġerixxi wkoll li għas-sena d-dieħla il-Kunsill għandu jara li jkun hemm ambulanza fil-jiem tal-Festa ta' Santa Marija għall-eventwalita' li jkun hemm bżonn xi emerġenza. Il-Kunsill qabel ma' din i-proposta.

**74.4 Korrispondenza**

74.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

74.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-Kunsill kien irċieva notifika li skont l-arranġamenti tal-Miżura 4.3, kien ser jirċievi l-ewwel nofs tal-pagament li kien jammonta għall-€50,573.38. Biex dan iseħħ, il-Kunsill kellu jagħmel garanzija bankarja ta' ammont ugwali, skont l-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea n. 1305/2013. Wara diskussjoni mal-bank, il-Kunsill ġie mitlub jiftaħ kont bankarju ieħor bl-ammont mitlub biex dan iservi bħala garanzija.

74.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li wara li ħareġ sejħa għall-offerti mingħand l-aġenti tal-programme Sage, l-unika waħda skont dak mitlub mill-Kunsill kienet dik ta' ICT solutions. Il-proposta tagħhom ġiet imressqa quddiem il-Kunsill li approva unanimament dan ix-xiri ta' dan is-software tal-Accounts bil-prezz ta' €4000.20.

74.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva l-approvazzjoni ta' linji sofor fi' Triq Ġan Mari' Camilleri kif ukoll traffic-calmers fi' Triq Binġemma.

74.4.5 Tresqet ukoll korrispondenza mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar l-International Folk Festival, li serata minhom, jiġifieri fi' 30 ta' Settembru, kienet ser tittella' fl-Imġarr. F' Diċembru imbagħad, ir-Reġjun kien ser jorganizza Choir Festival bis-serata tas-7 ta' Diċembru tittella' fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr.

**74.4.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

74.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**74.6 Rapporti**

74.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**74.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

74.7.1 Ma kienx hemm temi oħra diskussi waqt din il-laqgħa.

**74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

74.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 9 li kienet tammonta għall-Ewro 27,025.52.

74.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**74.9 Mozzjonijiet**

74.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**74.10 Offerti għas-Sejħiet – Tenders - Evalwazzjoni**

74.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Evalwazzjoni taż-żewġ sejħiet pendenti kienet għaddejja, filwaqt li kien qed jipprova jinstab kuntrattur li jkun jista' jagħmel ix-xoġgħol ta' MGR 2018/02 biex joħroġ kwotazzjoni.

**74.11 Hruġ ta' Sejħiet ta' Offerti Ġodda**

74.11.1 Il-Kunsill iddiskuta sejħa ġdida għall-offerti għas-servizz ta' Handyman għall-Kunsill u s-servizz ta' tindif tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien hemm budget neċċessarji biex dawn is-sejħiet jinħarġu.

74.11.2 Il-Kunsill approva li tinħareġ din is-sejħa għall-dawn iż-żewġ servizzi.

**74.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

74.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:08pm.

74.11.2 Il-Laqgħa numru 75 tal-Kunsill issejħet għat-Tnejn, 17 ta' Settembru 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***